KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Disa' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 4** **Il-Ġimgħa 2 t' Awwissu 2024**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:30pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi-Sindku
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Maria Pia Bonnici -Kunsillier
Rachel Abela -Kunsillier
Aiken Zerafa -Kunsillier
Chantelle Portelli-Kunsillier
Charles Schembri-Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Chris Grech – Kunsillier
Andre Buhagiar-Kunsillier
Anthony Agius Decelis – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

L- Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri t' apoloġija tal- Kunsilliera Decelis, Buhagiar u Grech. L- Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra mibgħuta mingħand il-kunsillier Grech, mehmuża f' Anness A fejn il-kunsillier Grech qal li l-laqgħa m'għandiex sseħħ minħabba li notifika b'avvanz t'24 siegħa m'hijiex adegwata biex tissejjaħ laqgħa b'urġenza. Il- Kunsillier Grech bagħat komunikazzjoni lid-DGL fejn qal li m'għandiex ssir l-laqgħa. Mehmuża f' Annessi B u Ċ, huma risposti mingħand id-

DGL fejn staqrru li- laqgħa tista' sseħħ, l-aqwa li mhux iktar tard minn tlett t'ijiem tax-xogħol mit-talba tas- Sindku. L - Aġent Segretarju Eżekuttiv deherlu li din kienet punt ta' kjarifika importanti qabel ma tibda l-laqgħa bl- aġenda "***Traffic Management* tal-Pjazza prinċipali tal-Mosta**" minkejja li kienet laqgħa b'urġenza, sabiex ikunu stabbiliti l-fatti u b'hekk il-laqgħa, flimkien mad-diskussjoni tinfetaħ mingħajr ebda preokkupazzjoni.

**4.2 *Traffic Management* tal- Pjazza prinċipali tal-Mosta**

Is- Sindku ppreżenta żewġ mozzjonijiet lill - Aġent Segretarju Eżekuttiv u lill-Kunsill, Is-Sindku preżenta l-Mozzjoni Numru 1 sekondata mill- Kunsillier De Martino li titratta l-ħinijiet ta' ftuħ u għeluq tal-Pjazza fiż-żmien tal- Festa. Is- Sindku fetaħ d-diskussjoni għall- Kunsilliera. Il-Kunsilliera Bonnici stqarret li kienet proponiet soluzzjoni ftit ta' żmien qabel fejn is-servizz tat-trasport pubbliku iżomm aċċess limitat lejn il- Pjazza fiż-żminijiet t'għeluq għat-traffiku pajżan; mehmuża f' Anness C.

Dawn l'amendi fil-ħinijiet ta ftuħ jridu jiġu ppublikati fil-gażżetti tal-Gvern.

Is-Sindku ppreżenta Mozzjoni numru 2 li kienet sekondata mill- Kunsillier De Martino. Is-Sindku qal li f'din il- Mozzjoni hu propost li jsiru Konsultazzjonijiet mal-pubbliku fejn titratta il- mod ta' kif il- Pjazza għandha tinfetaħ jew tingħalaq għall- Pubbliku. Il-Kunsilliera Bonnici, Abela u Portelli ma qablux għanda tinfetaħ. Qalu li s-Sindku irid jagħmel votazzjoni oħra li titratta direttament l-għeluq/ftuħ tal-Pjazza.

Is-Sindku ppropona li tittieħed votazzjoni hux il-kunsilliera jaqblu li l-Pjazza tinfetaħ bis-sħiħ ghall-Pubbliku u traffiku mill- 31 t' Awwissu il- quddiem fil-weekends kif isir matul il-ġimgħa. Il- *way forward* għall-ftuħ/għeluq ser Ikun determinat mill-Konsultazzjonijiet pubbliċi proposti mis- Sindku mnizzlin f'mozzjoni 2.

Votazzjoni fuq Mozzjoni Numru 1 – Ħinijiet ta'ftuħ/għeluq fi żmien il-Festa:
Astenzjonijet: Nil
Kontra: Il-Kunsilliera Bonnici, Portelli u Abela (però favur li tingħalaq sa' 02:00hrs)
Favur: Is-Sindku Gatt, il-Viċi Sindku Cassar u l-Kunsilliera De Martino, Bayliss, Zerafa u Mallia

Votazzjoni fuq Mozzjoni Numru 2 - Konsultazzjoni pubblika:
Astenzjonijet: 0
Kontra: 0
Favur: Kulħadd

Votazzjoni fuq is-suġġett tal-Ftuħ tal-Pjazza bis-sħiħ mill – 31 t'Awwissu 2024:
Astenzjonijet: 0
Kontra: Il-Kunsilliera Bonnici, Portelli u Abela
Favur: Is-Sindku Gatt, il-Viċi Sindku Cassar u l-Kunsilliera De Martino, Bayliss, Zerafa u Mallia

**4.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa ntemmet fis 7:20pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat 27 t' Awwissu 2024 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Gatt | Jeremy Bartolo |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

APPENDICI A.

**Bartolo Jeremy at Mosta Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Chris Grech <chris@cgamosta.net> |
| **Sent:** | 02 August 2024 09:31 |
| **To:** | Bartolo Jeremy at Mosta Local Council |
| **Cc:** | josephgattmostalc@gmail.com; Anthony Agius Decelis; Vassallo Emil at Local Government Division; Zerafa Civelli Alison 1 at MHAL; Mosta Local Council at Mosta Local Council |
| **Subject:** | Re: Laqgħat nru 3 u 4 - 2024 |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Sur Segretarju

Bongu

Ma naħsibx li huwa xieraq li tgħajjat laqgħa ta' emergenza 24 siegħa qabel għax int irranġajt personalment li ssir il-laqgħa meta qabel qedt li ma stajtx tagħmel laqgħa qabel il-festa.

Ninfurmak li dawn l-items fl-Agenda nr 3 u nr 4 kienu diġa fl-Agenda tal-laqgħa numru 2, u kienu fl-aħħar tal-Agenda. Kieku s-Sindku deherlu li dawn huma urġenti, kien jagħmilhom fil-bidu tal-Agenda nr 2.
Peress li l-Agenda nr 2 ma ġietx eżawrita sa tmien il-laqgħa (9pm), issa f'daqqa waħda saru items ta' emergenza!!!!
Din mhux emergenza li nqalat ilbieraħ.
Kumbinazzjoni l-laqgħa għajatta għax l-Minority leader u jien se nkun msiefrin.

Jien infurmajt id-Dipartiment dwar dan biex tagħraf timxi.

Jekk se tiproċedi, ninfurmak li din l-email tiegħi tidħol fil-minuti u li nkun skużat.

Grazzi

Chris

JB

Sent from my iPhone

> On 01 Aug 2024, at 18:11, Bartolo Jeremy at Mosta Local Council <jeremy.bartolo.2@gov.mt> wrote:
>
> Sinjuri,
>
> Annessi ma din l-*email* għandkom issibu kopji tal-aġendi tal-laqgħat b'urġenza tal-Kunsill numri 3 u 4, flimkien mal-annessi, li ser isiru nhar il-Ġimgħa, 02/08/2024 fis–18:00pm u fis-18:30pm rispettivament fl-uffiċini tal-Kunsill.

Tislijiet,

Jeremy Bartolo
M.Sc. Rural & Environmental Sciences (Melit.)
Aġent Segretarju Eżekuttiv

<image001.jpg>

**Contact details**

**Direct Tel.:** (00356) 2779 6050
**General Tel.:** (00356) 2779 6000
**E-mail address:** mosta.lc@gov.mt

**Connect with us:**

<image002.png>

<image003.png>

<image004.gif>

*This email and any files or content transmitted with it are confidential and intended solely for the use of the individual or entity to whom they are addressed. This message contains confidential information and is intended only for the individual named. If you are not the named addressee you should not disseminate, distribute or copy this e-mail. Please notify the sender immediately by e-mail if you have received this e-mail by mistake and delete this e-mail from your system. If you are not the intended recipient you are notified that disclosing, copying, distributing or taking any action in reliance on the contents of this information is strictly prohibited. The Council and the originator of this email accept no liability for the content of this email, or for the consequences of any actions taken on the basis of the information provided, unless that information is subsequently confirmed in writing. If you are not the intended recipient you are notified that disclosing, copying, distributing or taking any action in reliance on the contents of this information is strictly prohibited.*

*Warning: Although the Council and the originator have taken reasonable precautions to ensure no viruses are present in this email, the Council cannot accept responsibility for any loss or damage arising from the use of this email or attachments.*

<(152) Skeda ta Pagamenti v3.pdf>
<Aġenda 4 - 02.08.24.pdf>
<Aġenda 3 - 02.08.24.pdf>

APPENDICI B.

**Bartolo Jeremy at Mosta Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Mosta Local Council at Mosta Local Council |
| **Sent:** | 02 August 2024 11:13 |
| **To:** | Bartolo Jeremy at Mosta Local Council |
| **Subject:** | Re: Mosta Laqgħat b'URĠENZA nru 3 u 4 - 2024 |

---

**From:** Vassallo Emil at Local Government Division <emil.vassallo.1@gov.mt>
**Sent:** 02 August 2024 09:51
**To:** Chris Grech <chris@cgamosta.net>
**Cc:** Zerafa Civelli Alison 1 at MHAL <alison.zerafa-civelli.1@gov.mt>; Mosta Local Council at Mosta Local Council <mosta.lc@gov.mt>
**Subject:** RE: Mosta Laqgħat b'URĠENZA nru 3 u 4 - 2024

Sur Grech,

Laqgħat b'urġenza huma irregolati mill-Att dwar Gvern Lokali kif ġej:

*29A.Is-Sindku, jew mill-inqas terz tal-kunsillieri, ikollhom id-dritt li jitolbu li tissejjaħ laqgħa b'urġenza. Il-laqgħa b'urġenza għandha tittratta biss il-materja urġenti li għaliha tkun issejħet u xejn iżjed. Il-laqgħa sussegwenti xorta għandha tinżamm fl-istess ġurnata li tkun ġiet iffissata fl-aħħar laqgħa regolari. Is-Segretarju Eżekuttiv ikun obbligat li jsejjaħ il-laqgħa b'urġenza sa mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn meta ssir it-talba, u jiġu adottati l-proċeduri kollha applikabbli għal-laqgħat tal-kunsill lokali, inkluż il-ħin li fih għandha ssir il-laqgħa:*

*Iżda meta kunsillier jitlob li ssir laqgħa b'urġenza, huwa jkun obbligat jindika x'inhi n-natura tal-urġenza u għaliex il-materja inkwistjoni ma tistax tistenna li titpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li tkun tmiss skont l-andament ordinarju tal-laqgħat. Id-deċiżjoni dwar jekk it-talba biex tinżamm laqgħa b'urġenza għandhiex tiġi milqugħa għandha tittieħed mis-Sindku u dan skont linji gwidi maħruġa mid-Direttur wara konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni.*

Għaldaqstant jekk is-Segretarju Eżekuttiv intalab mis-sindku biex issejjaħ il-laqgħa – din għandha tissejjaħ kif mitlub.

Emil


Emil Vassallo
Director General
Local Government Division

t +356 2090 8600 e emil.vassallo.1@gov.mt
www.gov.mt | www.publicservice.gov.mt

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS & LOCAL GOVERNMENT
26, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA, MALTA


JB

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

---

**From:** Chris Grech <chris@cgamosta.net>
**Sent:** Thursday, 1 August 2024 19:02
**To:** Vassallo Emil at Local Government Division <emil.vassallo.1@gov.mt>
**Cc:** Zerafa Civelli Alison 1 at MHAL <alison.zerafa-civelli.1@gov.mt>; Mosta Local Council at Mosta Local Council <mosta.lc@gov.mt>
**Subject:** Mosta Laqgħat b'URĠENZA nru 3 u 4 - 2024

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Sur Vassallo,

Insellimlek,

Qed nikteb fil-kapacita tiegħi ta' Kunsillier u sħabi kunsilliera f'isem il-PL, u fl-assenza tal-minority leader minħabba li msiefer, fil-kunsill lokali tal-Mosta. Il-Kunsilliera, ftit minuti ilu (mail annessa) ġew notifikati sabiex jattendu żewġ laqgħat b' urġenza għada, waħda fis-18:00 (sabiex titratta l-immanigggjar ta' traffiku fil-Pjazza tal-Lokal) u l-oħra fis-18:30, sabiex jigu approvati l-pagamenti.

Qed nagħmel dan għaliex il-laqgħat qed jissejjħu propju meta s-Sindku jaf li kemm jien kif ukoll il-Minority Leader ser inkunu msefrin. Anzi s-Sindku stess qal li mhux ser issir laqgħa qabel il-festa għax is-Segretarju indispost u kulħadd għamel il-pjanijiet tiegħu. Barra dan, qed nikkontesta l-urgenza taż-żewġ suġġetti għar-raġunijiet segwenti;

Il-każ tal-Pjazza tal-Mosta huwa suġġett li ilu jiġi diskuss u jimmerita diskussjoni ferm aktar minn nofs siegħa li għaliha qed jigi allokat. Barra dan, is-suġġett innifsu mhux materja li ma tistax tiġi diskussa f' laqgħa normali. L-istess jingħad għall-approvazzjoni tal-pagamenti. Sta għas-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku li jassiguraw li waqt seduta tal-Kunsill, din il-materja tingħata l-attenzjoni meħtiega u mhux tigi diskussa fl-aħħar tas-seduta, bil-konsegwenza li jista' jiskadi l-ħin tal-laqgħa u din il-materja ma tkunx għadha giet diskussa u approvata bħal ma ġara.

Għaldaqstant qed nitlob l-intervent tiegħek biex tistabilixxi jekk dawn il-materji jimmeritiawx li jigu diskussi b' urġenza jew inkella f' seduta normali tal-Kunsill, fejn il-Kunsilliera kollha jkollhom l-opportunita jagħtu l-opinjoni tagħhom

Tislijiet

Perit Chris Grech
Kunsillier

Sent from my iPhone

Begin forwarded message:

> **From:** pia bonnici <pia291291@gmail.com>
> **Date:** 01 August 2024 at 18:46:53 GMT+2
> **To:** Bartolo Jeremy at Mosta Local Council <jeremy.bartolo.2@gov.mt>
> **Cc:** Aiken Zerafa - MLC <aiken99zerafa@gmail.com>, "Andre Buhagiar (MLC)" <andrebuhagiar33@gmail.com>, "Anthony Agius Decelis (MLC)" <decelis4m@gmail.com>, "Chantelle Portelli (MLC)" <chantelleportelli84@gmail.com>, "Charles Schembri (MLC)" <charlieschembrimostalc@gmail.com>, Joseph Gatt - MLC <josephgattmostalc@gmail.com>, Keith Cassar - MLC

<keith.cassar@nectar.com.mt>, Michaela Ann Bayliss <michaelaannbayliss@gmail.com>, Chris Grech <chris@cgamosta.net>, Rachel Abela - MLC <abelarachel@hotmail.com>, "Sammy Mallia (MLC)" <sammal76@outlook.com>, "Thomas De Martino (MLC)" <demartinothomas158@gmail.com>
**Subject: Re: Laqgħat nru 3 u 4 - 2024**

Grazzi

On Thu, 1 Aug 2024, 18:11 Bartolo Jeremy at Mosta Local Council, <jeremy.bartolo.2@gov.mt> wrote:

Sinjuri,

Annessi ma din l-*email* għandkom issibu kopji tal-aġendi tal-laqgħat b'urġenza tal-Kunsill numri 3 u 4, flimkien mal-annessi, li ser isiru nhar il-Ġimgħa, 02/08/2024 fis-18:00pm u fis-18:30pm rispettivament fl-uffiċini tal-Kunsill.

Tislijiet,

Jeremy Bartolo
M.Sc. Rural & Environmental Sciences (Melit.)
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Contact details**
**Direct Tel.:** (00356) 2779 6050
**General Tel.:** (00356) 2779 6000
**E-mail address:** mosta.lc@gov.mt

**Connect with us:**

*This email and any files or content transmitted with it are confidential and intended solely for the use of the individual or entity to whom they are addressed. This message contains confidential information and is intended only for the individual named. If you are not the named addressee you should not disseminate, distribute or copy this e-mail. Please notify the sender immediately by e-mail if you have received this e-mail by mistake and delete this e-mail from your system. If you are not the intended recipient you are notified that disclosing, copying, distributing or taking any action in reliance on the contents of this information is strictly prohibited. The Council and the originator of this email accept no liability for the content of this email, or for the consequences of any actions taken on the basis of the information provided, unless that information is subsequently confirmed in writing. If you are not the intended recipient you are notified that disclosing, copying, distributing or taking any action in reliance on the contents of this information is strictly prohibited.*

*Warning: Although the Council and the originator have taken reasonable precautions to ensure no viruses are present in this email, the Council cannot accept responsibility for any loss or damage arising from the use of this email or attachments.*

APPENDICI C.

**Bartolo Jeremy at Mosta Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Camilleri Karen Maria 2 at Local Government Division |
| **Sent:** | 01 August 2024 15:54 |
| **To:** | Bartolo Jeremy at Mosta Local Council |
| **Subject:** | Urgent Council Meeting |

Dear Mr Bartolo

Please be informed that as stated in Article 29 A of Chapter 363;

29A. The Mayor, or at least one-third of the councillors, shall have the right to request an urgent meeting. The urgent meeting shall only discuss the urgent matter for which the meeting has been convened and no other. The subsequent meeting shall still be held on the same day as agreed in the last regular meeting.

The Executive Secretary shall be obliged to convene the urgent meeting by not later than three working days from the receipt of the request, and all the applicable procedures for local council meetings shall be adopted, including the time at which the meeting shall be convened:

Provided that when a councillor requests an urgent meeting, he shall be bound to indicate the nature of the urgency and why the matter in question cannot wait to be put on the agenda of the next meeting in accordance with the ordinary conduct of the meetings. The decision whether the request for an urgent meeting be acceded to shall be taken by the Mayor in accordance with the guidelines issued by the Director after consultation with the Association.

Regards

Karen Camilleri
Assistant Director

Sent from Outlook for Android

JB